**Minuti tas-Seduta 18 li saret fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fit-8.30 p.m. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 21.58 p.m. | 22.30 p.m. **qabel item nru 6.0** |
| Kunsillier Joseph Demartino | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 20.30 p.m. | 22.57 p.m. **qabel il-votazzjoni item 7.0** |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 20.30 p.m. | 23.29 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 17 tat-12 ta' Mejju 2008**

1.1 Il-minuti ġew approvati iżda saret referenza li minbarra li f'item 1.1 li s-seduta intemmet fin-nofs siegħa tas-sibt filgħodu l-iskeda tal-ħinijiet għanda ukoll tiġi korretta bl-istess mod.

**2. Tagħrif mil-minuti**

2.1 Is-segretarju qal li l-Każin tas-Soċjeta Nicolo Isouard iridu risposta dwar il-post tal-bust Nicolo Isouard. Ġie approvat li dan isir f'kantuniera ta' Triq il-Kostituzzjoni ma' Triq Nicolo Isouard.

2.2 Il-Kunsill ġie infurmat li is-Sur Reuben Buhagiar tal-Melita Cycling Club ingħata 3 ijiem avviż sabiex iċedi il-post f'Taż-Żokrija u jirritorna ċ-ċwievet. Ġie deċiż li fin-nuqqas jitkomplew il-proċeduri legali li hemm bżonn isiru.

2.3 Inkitbet ittra lill-ADT sabiex isiru *barriers* fi Triq il-Fortizza billi l-Kunsill tal-Mosta u la qatt għamel dan ix-xogħol u lanqas għandu mezzi biex jagħmilhom.

**3. Korrispondenza**

3.1 Exalco Group Ltd kitbu ittra uffiċjali sabiex il-Kunsill jara li ma jsirx *parking* illegali fil-*lane* riżervat għall-aċċess tal-garaxx tagħhom. Billi din hi responsabilita tal-pulizija il-Kunsill approva li tintbagħat ittra mill-avukat tal-Kunsill b'risposta f'dan is-sens.

3.2 Ittra mill-UHM dwar *ex Environmental Officer* Joe Borg . Il-Kunsill għandu jirrispondi illi lest iħallas il-bonus dovut kif ukoll il-bilanċ tal-leave.

3.3 Ittra mis-Soċjeta Filarmonika N.Isouard dwar ftehim ta' spustjar tas-Salib tad-Dejma. Ġie deċiż illi billi kien il-Kunsill li ffirma għall-applikazzjoni tal-MEPA li saret minn din is-Soċjeta għandna navżaw lill istess Soċjeta sabiex terġa tapplika lill-MEPA kif meħtieġ.

**4.0 Wirja Agrarja Bidnija / Lejla Mostija**

Ġew ippreżentati żewġ programmi ta attivitajiet; waħda is-Sibt 5 ta' Lulju 2008 fil-Bidnija u oħra is-Sibt 26 ta' Lulju fil-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Ġie approvat budget ta' €1400 għal dik tal-Bidnija u €1750 għal dik tal-Mosta.

**5.0 Ħruġ ta tenders**

**5.1 Ħatra ta' Contracts Manager**

Ġie approvat li jinħareġ tender u jintagħżel dak l-aktar vantaġġjuż.

**5.2 Rikostruzzjoni u Pedestrianization ta parti minn Triq l-Isperanza, Triq il-Parroċċa u Triq Kurat Schembri**

Is-Sindku spjega illi billi il-flus li ġejjin mill-MEPA taħt il-fond tal-UIF huma biss ta' madwar €244,584, ma humiex biżżejjed sabiex isiru dawn it-tlett toroq kif indikat fi stima tal-periti tal-Kunsill b'materjal ta porfido u lava, il-MEPA għandha tiġi mitluba tgħaddi ukoll flus miġbura s'issa li skond informazzjoni li għandu l-Kunsill jammontaw għal madwar €84,000 sabiex jiġu applikati għal dan il-proġett ukoll. Intqal li għandu bżonn isir *Public Consultation Meeting* mar-residenti ta' dawn it-toroq fejn jiġu ippreżentati il-pjanti u l-kundizzjonijiet skond il-ftehim mal-MEPA. Barra minhekk huwa spjega li ser isir eżerċizzju ta' riċerka fis-suq dwar x'materjali hawn li jista jintuża fit-toroq bħala pavimentar bi prezz aktar raġjonevoli.

**5.3 Period Contract – Pavements etc**

Ġie deċiż li jinħareġ it-tender għal xogħlijiet fuq *period contract* għal valur ta €150,000.

## 6.0 Materji Finanzjarji

### 6.1 Pagamenti

Ġew approvati żewġ listi ta pagamenti. Waħda ta' pagamenti li saru b'urġenza ta' €82,650.60 u oħra sabiex isiru pagamenti għall-ammont ta' €85,710.49.

### 6.2 Approvazzjoni tal-Budget 2008/2009

Ġie approvat Budget għas-sena 2008/2009 għas-sena kif ippreżentat skond il-kopja annessa.

### 6.3 Kwotazzjonijiet

Dan l-item tħalla għall-seduta oħra.

### 6.4 Emenda Kuntratt ta' Kera Formosa /KLM

Fuq parir legali ġie approvat illi ssir emenda fil-kuntratt li l-Kunsill għandu ma Cardor Ltd għal-kiri ta' garaxx u Day Centre fi Triq Kurat Schembri. Din l-emenda tbiddel l-isem tal-kerrej minn Cardor Ltd għal C.H. Formosa Ltd li hija kumpanija sussidjarja ta' Cardor Ltd bl-istess diretturi. Dan qed isir wara talba ta l-istess Cardor Ltd.

## 7 Mozzjonijiet

Is-Segretarju spjega li ġiet irreġistrata mozzjoni dwar il-każ ta' talba għal-monumenti fi Pjazza Rotunda miż-żewġ soċjetajiet tal-Banda. Din il-mozzjoni tressqet mill-Kunsillier Mario Sammut skond kif jitolbu r-regoli u li kopja tagħha ġiet iċċirkolata lill-Kunsilliera u li hija wkoll anessa ma dawn il-minuti.

Il-Kunsillier Paul Agius issekonda l-mozzjoni. Il-Kunsilliera intalbu sabiex b'ordni jikkumentaw wieħed wieħed fuq din il-mozzjoni.

Il-Kunsillier Jimmy Camilleri qal li mhux sew li ma sarux iż-żewġ applikazzjonijiet fl-istess ħin u issa wara li diġa wasal il-permess ta' waħda mis-soċjetajiet titressaq din il-mozzjoni. Is-Sindku u il-Kunsillier Chris Grech spjegaw li f'laqgħa li saret bejn tal-Każini u l-Arċipriet, is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm ftehim ma jsir xejn. Anke jekk il-permess ta' Santa Marija ma joħroġx wara li dak tas-Salib ikun diġa ħareġ ukoll ma jsir xejn. Il-Kunsillier Jimmy Camilleri qal li jekk il-MEPA ma taċċettax li il-monument ta' Santa Marija isir fejn intalab allura għadna nipproponu post ieħor.

Il-Kunsillier Chris Grech qal illi sakemm il-post alternattiv ikun fil-pjazza dan ikun aċċettabli għas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija iżda mhux ser jiġu aċċettati proposti li Santa Marija titqiegħed barra mill-pjazza.

Il-Kunsillier Shirley Farrugia qalet li l-proposta f'din il-mozzjoni li jsir monument wieħed kellha issir qabel u mhux issa. Din kienet tkun is-soluzzjoni. Hi ma taqbilx li jew kollox jew xejn. Is-Sindku qal li huwa dar il-każini kollha b'mod demokratiku. Huwa qal li anke issuġerixxa xi monumenti lill-Każini. Il-Kunsillier Dr. Shirley qalet li fil-każ tal-Każin Nazzjonalista ta' dak iż-żmien, il-kumitat kien xolt u ma twasslitx ir-risposta tal-bust.

Il-Kunsillier Jimmy Camilleri reġa qal li għaliex bil-fors iridu li Santa Marija issir minflok l-Iljun? Kien l-istess Kunsillier Chris Grech li kien wiegħed fil-leaflets ta' qabel l-elezzjoni tal-Kunsill li l-iljun jitneħħa. L-irġulija titlob li bħala Mosti huwa (Jimmy Camilleri) kien ġenwin biżżejjed li jgħid li sakemm l-iljun jiċċaqlaq ma ġara xejn, iżda ma jistax jinstab post ieħor għall istatwa ta Santa Marija biex ma jinqalx paroli u jintlaħaq ftehim?

Il-Kunsillier Chris Grech spjega li huwa kien qal li minflok l-iljun għandu isir monument ta' Grognet. Issa dak ser isir post ieħor u ma baqax fejn isir monument għall-Grognet fil-pjazza. L-iljun huwa żgħir u jista jinstab post ieħor għalih iżda l-istatwa ta' Santa Marija hija kbira u bilfors hemm trid issir. Il-Kunsillier Joe Demartino qal li din farsa għax ma hemmx post fil-pjazza għal dawn il-monumenti kollha fil-pjazza.

Il-Kunsillier Chris Grech qal li s-suġġeriment tal-Kunsillier Demartino li jsir konkors ma kienx qed jirreferi għal dawn il-monumenti iżda għal-monument li qed jissuġerixxi l-Kunsill. Il-Kunsillier Demartino qal li huwa jinsisti li monument wieħed għandu jsir u mhux tlieta (inkluż dak propost mill-Kunsill).

Il-Kunsillier Paul Agius qal li billi jidher li mhux ser jkun hemm ftehim fuq din il-kwistjoni ta' żewġ monumenti, huwa jaqbel li jsir monument wieħed kif tgħid il-mozzjoni. Kien għalhekk li fil-fatt huwa ssekonda din il-mozzjoni sabiex ikun hemm l-għaqda . M'għandux jkun hemm diżgwid.

Il-Kunsillier Dr. Shirley Farrugia qalet li dan il-kliem kellu jsir qabel u mhux wara li diġa ħareġ permess ta' wieħed mill-monumenti.

Saret il-mistoqsija jekk hemmx *Counter Motion.*

Il-Kunsillier Demartino qal illi huwa, Il-kunsilliera Marthese, Nicola,u Shirley ma jridux jiġu involuti fi kwistjonijiet u kontraversji bejn iż-żewġ baned tal-Mosta.

Il-Kunsillier Mario Sammut talab li ssir emenda li wara il-kliem "**jew inkella**" jiżdiedu il-kliem "**jekk kemm il-darba ma jinħarigx il-permess tal-MEPA għat-tnejn li huma"** u tkompli.

Din l-emenda ġiet ssekondata mill-Kunsillier Kirby Fenech. Il-Kunsillier Chris Grech ħareġ billi hu kellu konflitt ta' interess personali.

F'dan il-mument il-Kunsillier Jimmy Camilleri ħareġ mill-kamra.

Il-mozzjoni tpoġġiet għall-votazzjoni.

Dawk **FAVUR (5)**

Sindku, Viċi Sindku,Il-Kunsillier Kirby Fenech,Mario Sammut u Paul Agius.

Dawk **KONTRA (4)**

Il-Kunsillier Joe Demartino, Marthese Mifsud, Dr Shirley Farrugia u Nicola Fenech Adami.

Il-mozzjoni għaddiet.

**8 Viżita f'Ragusa Preżentazzjoni Interreg IV**

Ġie suġġerit li s-Sur George Cassar u Sur Joe Cristina iżuru Ragusa fuq stedina tal-Comune di Ragusa bi skop li nidħlu fi ftehim ieħor ta' koperazzjoni taħt l-iskema ta' fondi mill-Ewropa. Il-Kunsill approva.

Ġie propost wkoll li s-Sur Joe Cristina jpoġġi fuq il-Kumitat ta' Bistra flimkien ma George Cassar u Abigail Zammit.

**9 Triq il-Kostituzzjoni u Permessi oħra mill-ADT**

Ġie deċiż li jekk is-sitwazzjoni mal-ADT ma tirranġax ruħha jittieħed parir mill-avukat tal-Kunsill biex isir protest u tinfetaħ kawża. Il-Kunsillier Shirley Farrugia spjegat fejn wasalna s'issa billi hi kienet qeda tgħin kemm tista lill-amministrazzjoni sabiex tissolva din il-problema.

**10.0 Perit tal-Kunsill**

Dan l-item tħalla għall-seduta oħra.

**11.0 Kuntratt KLM/Heritage Malta**

Dan l-item tħalla għall-seduta oħra.

## 12.0 Deċiżjoni fuq Bozoz Ġodda fit-toroq

Is-Sindku poġġa lista fuq il-mejda li iżda mhux bilfors kienet finali.

## 13.0 Materji Oħra

Dan l-item tħalla għall-seduta oħra.

Il-laqgħa spiċċat fil-ħdax u disgħa u għoxrin minuta.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv